# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **10 TA' SETTEMBRU 2017**

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 9 ta' Settembru 2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti.

**100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima**

Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, l-Erbgħa 13 ta' Settembru 2017 wara l-quddiesa tas-7.00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna**

Dawk il- ġenituri tat-tfal ta' Year 1 li se jibagħtuhom Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna għandhom iġibu t-tfal nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ottubru fil-5.00.pm. u nirreġistrawhom dak il-ħin.

**Katekiżmu fiċ-Ċentru tal-Munxar**

Ir-reġistrazzjoni tat-tfal tal-Year 1 u Year 2 li jattendu fiċ-Ċentru tal-Munxar ser issir bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2017 mill-5:30pm sas-6:30pm.

**Katekiżmu fiċ-Ċentru tal-MUSEUM**

Iċ-ċentru tal-Museum ser jilqa' reġistrazzjonijiet tat-tfal li twieldu fis-sena 2011 u li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fis-sena 2018. Il-ġenituri jistgħu jiktbuhom il-Museum stess minn nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru 'l quddiem mill-5:30pm sas-7:30pm barra nhar ta' Erbgħa. Tinsewx tieħdu magħkom iċ-ċertifikat tal-magħmudija tat-tfal li tistgħu tiġbruh mill-Uffiċċju Parrokkjali ta' fejn huma mgħammda t-tfal.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn il-31 ta' Jannar 2018 u d-9 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm aktar 'il quddiem.